THIRD PARTY APPEAL 480

18th December 2019

| | |
|---|---|
| Our Ref: | C01-APP-01 |
| PA Ref: | PA/4380/19 |
| Site Location: | l-Harruba, Triq it-Tigrija, Nadur |

Ghal l-Attenzjioni tal Board tal EPRT,

Fl-ewwel lok, l-appellanti jirrileva li l-pjanti sottomessi mill-applikanti ma jindikawx fil-verita' x'hemm fuq is-sit. Dawn il-pjanti, senjatament f'dik il-parti taghhom li juru x'hemm attwalment fuq is-sit, jindikaw parti mis-sit, u cjoe' dik konfinanti mal-hajt divizorju li jifred il-proprjeta' ta' l-applikanti minn dik ta' l-appellanti, bhala "garden". Dan sar ghaliex il-pjanti li gew approvati dwar l-istess sit permezz tal-permess ta' l-2002 ukoll kienu jindikaw dik l-istess parti mis-sit bhala gnien. Madanakollu, fil-verita', ma hemm l-ebda gnien fuq is-sit. Dan mhux biss ifisser li l-pjanti sottomessi mill-applikanti ma jurux il-verita', imma wkoll li s-sit meritu ta' din l-applikazzjoni huwa milqut minn zvilupp illegali, ossia zvilupp mhux skond il-pjanti approvati, u ghalhekk skond il-ligi ta' l-ippjanar ebda applikazzjoni ta' zvilupp ma tistgha ssir, tigi processata u wisq inqas tigi akkolta fuq dan is-sit qabel dik l-illegalita' tigi sanata, jew bit-tnehhija taghha inkella permezz ta' applikazzjoni sanatorja.

Fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghall-premess, l-appellanti jirrileva wkoll li dik il-parti mis-sit li dwarha huwa ressaq l-oggezzjonijiet tieghu m'hijiex proprjeta' esklussiva ta' l-applikanti, billi tappartjeni wkoll lil Elizabeth Borg. L-applikanti ghalhekk ghamlet dikjarazzjoni falza meta ddikjarat li s-sit jappartjeni lilha biss. In oltre, dik id-dikjarazzjoni falza wasslet biex giet segwita procedura zbaljata fir-rigward ta' l-applikazzjoni, stante li f'kaz ta' proprjeta' komuni bejn sidien diversi, kellha tigi segwita procedura ohra li tehtieg in-notifika tas-sidien l-ohra.

Ghalhekk qed jintalab ir-revoka ta' dan il-permess.

Jigi dikjarat li l-appellanti jindika ruhu bhala xhud sabiex jixhed quddiem dan it-Tribunal waqt is-smigh ta' l-appell.

Sahha,

Perit Deborah Busuttil

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
19 DEC 2019
FLORIANA

Perit Deborah Busuttil B.E.&A. (Hons) ARB RIBA

83, Sir Luigi Camilleri Street, Victoria, Gozo M:79821005 E:peritdeborahbusuttil@gmail.com
Copyright © Perit Deborah Busuttil